**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Simar Halil Hannan**

**Illum ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 71/2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Simar Halil Hannan, iben Hannan u Maida nee' Qred, mwieled is-Sirja fl-1 ta' Jannar 1995 u residenti Mosta, Malta detentur tal-karta tal-identita' Bulgara bin-numru 9501012700 fejn ġie akkużat li:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Lamir Mohammad f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi permezz ta' arma regolari u/jew permezz ta' strument li jaqta' jew iniggeż

fuq il-persuna tal-istess Lamir Mohammad, hekk kif kien iċċertifikat minn Dr Luana Formosa (Med. Reg. 3803);

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb kontra Lamir Mohammed sabiex jinġurjah, idejjqu jew jagħmel ħsara

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel lil Lamir Mohammad ingurji jew theddid u/jew ipprovoka jew ingurja b'mod li ħareġ 'l barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Ukoll talli volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju;

5. Kif ukoll talli volontarjament qal kliem oxxen li jikkonsisti f'dagħ fil-pubbliku;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tapplika l-Artikolu 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 a favur Lamir Mohammad (Karta tal-Identita' Nru: 187602(A))

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba tapplika l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 a favur Lamir Mohammad (Karta tal-Identita' Nru: 187602(A))

Rat illi, waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed u għoxrin (2021), il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 196*) datata 12 ta' Lulju 2021 li permezz taghha bagħat lill-imputat Simar Halil Hannan biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) L-artikolu 214, 215, 216, 217, 218(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) L-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) L-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) L-artikolu 339(1)(d); 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(e) l-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C; 412D tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(f) l-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali;

Rat illi f'dik l-istess seduta tas-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u wiehed u għoxrin (2021), l-imputat iddikjara li m'għandux oggezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat illi, waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), id-difiża ddikjarat li ma kellhiex aktar provi xi tressaq

Rat illi, waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-Qorti tat il-fakulta' lill-partijiet biex jippreżentaw in-noti ta' sottomissjonijiet, b'dana illi l-prosekuzzjoni u l-parte civile ngħataw sat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), biex jippreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, filwaqt li d-difiża ngħatat sal-ħmistax (15) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) biex tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Parte Civile preżentanta fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar 2023;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiża li ġiet preżentata fis-dsatax (19) ta' Mejju 2023  wara li d-difiża ingħatat estensjoni għall-preżentata ta' tali nota;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-tmintax (18) ta' April tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) fejn il-Qorti ddifferiet il-kawża għas-sentenza għall-ġurnata tal-lum

Ikkunsidrat:

- **<u>Sinteżi tal-Provi Miġbura</u>**

F'dan il-proċess ġew ippreżentati diversi dokumenti u kif ukoll xehdu diversi xhieda fosthom: L-iSpettur Stacy Attard (fol. 179 *et seq*); Il-Parte Civile Lamir Mohammad (fol. 200 *et seq*); L-imputat Simar Halil Hannan (fol. 9 *et seq* u fol. 17 *et seq*); Id-Deputat Reġistratur (fol. 78); L-Avukat Dottor Richard Sladden (fol. 106); It-Tabib Dottor Mario Scerri (fol. 66); It-Tabiba Dottor Luana Formosa (fol. 93 *et seq*); It-Tabib Dottor Raphael Gatt (fol. 95 *et seq*); It-Tabiba Dottor Marisa Cassar (fol. 183); Is-Surġent PS 1300 Julian John Fenech (fol. 63 *et seq*); Is-Surġent PS 122 Arthur Borg (fol. 155); Is-Surġent PS 385 Emanuel Dalli (fol. 172); Il-Kuntistabbli PC 1274 (fol. 102 *et seq*); Jouma Sheik Ahmad, (fol. 129 *et seq*) u Samir Bilona, (fol. 139 *et seq*).

**<u>Is-Surġent PS 1300 Julian John Fenech</u>** (fol. 63 *et seq*) stazzjonat fl-għassa tal-Mosta, xehed li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (10:00 p.m.) kien infurmat mill-Kuntistabbli PC 488 li hu stazzjonat l-Isptar Mater Dei li kien għadu kif daħal persuna, ċertu Mohamed

Lamir li kellu daqqa ta' sikkina f'għonqu. Ix-xhud mar mill-ewwel l-isptar Mater Dei fejn b'diffikulta' kbira irnexxielu jkellem lill-parte civile. Dan stqarr li dakinhar stess aktar kmieni hu kien miftiehem ma' ċertu Jouma li kellu jieħu xi flus mingħandu, fejn dan Jouma qallu biex imur fil-garaxx tiegħu, ċioe' ta' Jouma, li jinsab fiż-żona industrijali fi Triq il-Kappar, Mosta. Ix-xhud jgħid li l-parte civile spjega li x'ħin mar hemm hekk biex jiġbor il-flus li kellu jieħu kien hemm ċertu Simar li hekk kif rah qabad u ħebb għalih b'sikkina u laqtu f'għonqu. Minn hemm irnexxielu jitlaq 'il barra, qabad il-karozza u saq sa l-isptar għall-kura. Meta s-surġent staqsih x'inhi l-kwistjoni tiegħu ma' dan Simar, il-parte civile qal li huwa kien mis-Sirja, u kif ukoll li kien Musulman u qaleb għall-Kristjaneżmu u li ġewwa s-Sirja kellhom drawwa li meta jkun hemm xi ħadd hekk, jekk joqtluh, min joqtlu jmur il-ġenna. Skont il-parte civile din kienet ir-raġuni għaliex ħebb għalih, għaliex miegħu ma kellu l-ebda kwistjonijiet. Meta staqsa lill-vittma għal aktar informazzjoni dwar l-imputat, il-parte civile qallu li jgħix ġol-istess garaxx ta' Jouma, fi Triq il-Kappar u li ġieli jagħmel użu minn van tat-tip *Toyota Dyna* li jġorr l-aluminium.

Is-surġent ħalla kuntistabbli *fixed point* l-isptar u mar fuq il-post, ossija fi Triq il-Kappar u hemm lemaħ l-unika vann li kien hemm iġorr l-aluminium u kien qiegħed irreġistrat fuq ċertu Jouma. Beda jiċċekkja l-garaxxijiet u fuq garaxx minnhom ra miktub "SIM" u n-numru tal-mobile u x-xhud issuspetta li dan kien Simar fil-qasir u n-numru tal-mobile tiegħu. Jistqarr li ħabbat fuq il-garaxx, u ma fetaħ ħadd u beda jċempel fuq in-numru tal-mobile li huwa 79358293 fejn daqq iżda ma

rrispondih ħadd. Meta reġa prova jċempel it-tieni darba, sabu mitfi u b'hekk iddeċieda li jħalli kuntistabbli *fixed point*. Prova jagħmel kuntatt ma' Jouma iżda ma bediex jirrispondi. Imbagħad iddeċieda li jmur fl-indirizz tiegħu fejn jirrisjedi u ċioe' 'Dega Mansions', Flat 3, Triq l-Għabex, Swatar, Birkirkara u x'ħin is-surġent kien qiegħed fuq il-post iħabbat mal-bieb ta' Jouma għadda vann b'*logo* li kellu miktub *"Professional Tile Layer"* li baqa' għaddej minn magħhom u baqa' sejjer. X'ħin mar fir-residenza ġos-Swatar, ra dan l-istess vann ipparkjat u sab lil Jouma d-dar u x'ħin staqsih jekk il-vann kienx tiegħu wieġeb fl-affirmattiv. Mistoqsi għala ma waqafx fejnhom x'ħin kienu qed iħabbtu fuq il-bieb tar-residenza tiegħu, Jouma jgħid li ma kienx jaf li qed ifittxu lilu. Minn hemm ġie skortat fi Triq il-Kappar, fejn is-Surġent talbu jiftaħ il-garaxx u wara tfittxija lill-imputat Simar ma sabux hemm hekk. Pero' nnota li kien hemm demm u kif ukoll kien hemm qisha garża jew ċarruta kollha demm ġo *dustbin*. X'ħin ix-xhud staqsih fejn kien Simar, beda jgħidlu li ma kienx jafx, ħlief li kien x'imkien il-Mosta. Is-surġent jgħid li meta staqsa lil Jouma jispjegalu kif ġara l-inċident, qallu li l-imputat kien qed jaħdem u laqat bi żball lill-parte civile. Madanakollu skont is-surġent Jouma ma bediex jikkopera u ma tah l-ebda informazzjoni. Jgħid li l-flus li Jouma kellu jagħtih kien għal xi xogħol ta' aluminium. L-ispjegazzjoni li tah, kienet li x'ħin daħal fil-garaxx, l-imputat ħebb għall-parte civile mill-ewwel mingħajr lanqas jaf x'ġara, u beda jitkellem b'diffikulta għax kellu ferita' kbira f'għonqu.

Dwar l-istat tal-parte ċivile, is-surġent jistqarr li meta mar ikellmu l-ewwel darba l-isptar, dan kien mimdun fuq *stretcher* bil-maskra, jitkellem baxx ħafna u kull x'ħin jitkellem il-ferita' kienet tinfetaħ mal-kliem u l-infermier avżah *"tibqax tkellmu għax mhux tajjeb biex jitkellem"*. Is-Surġent ikkonferma l-*PIRS* li huwa mmarkat bħala "SA9" a folio 21 tal-proċess, fejn il-parti tiegħu hija sar-raba' paġna, imbagħad hemm *update* tal-iSpettur.

**<u>It-Tabib Dottor Mario Scerri</u>** (fol. 66) xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn stqarr li eżamina lill-parte ċivile Lamir Mohamad, ġewwa l-isptar Mater Dei, fejn allegatament qala' daqqa ta' sikkina. Skont ix-xhud kull ma kellu kienet inċiżjoni superfiċjali fl-għonq li involviet biss il-*platysma* ta' taħt l-għonq u ma nvolvietx *blood vessels* jew muskoli. Mill-aspett mediku kienet kunsidrata bħala ferita ta' natura ħafifa, pero' tista tibqa' marka permanenti fl-għonq fejn tidher. Jikkonferma li qatt ma kien fil-periklu tal-mewt. It-Tabib esebixxa r-rapport bħala **Dokument "MS1"[1].**

**<u>Id-Deputat Reġistratur</u>** (fol. 78) fis-seduta tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) esebiet *Process Verbal* bin-numru 108/2021 redatt mill-Maġistrat Neville Camilleri magħluq fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), dwar Lamir Mohammad li sofra minn ġrieħi gravi wara li allegatament qala' daqqa ta' martell tal-plastic u daqqa ta' sikkina fin-naħa tax-xellug ta' għonqu mingħand Simar Halil Hanna nhar is-sitta u għoxrin (26) ta'

[1] a folio 67 sa 77

Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00 hrs) ġewwa garaxx bla isem sitwat fi Triq il-Kappar, fil-Mosta, sewwasew biswit sit ta' kostruzzjoni u faċċata ta' "Queen's Dry Cleaning". Dan ġie mmarkat bħala **Dokument "MDB1"**[2].

**<u>It-Tabiba Dottor Luana Formosa</u>** (fol. 93 *et seq*) li hija stazzjonata l-emergenza, Mater Dei, xehdet li hija rat lil Lamir Mohammad fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (22.30 hrs). Dan kellu ferita f'għonqu madwar seba' ċentimetri (7 cm) in-naħa tax-xellug, in-naħa ta' quddiem tal-għonq. Tgħid li kienu għamlulu żewġ tipi ta' *CT Scans,* ċioe' *CT scan* ta' rasu u tal-għadam ta' wiċċu li kien normali u *CT scan* ta' għonqu li kienet uriet *"laceration wound penetrating thourgh skin in subcutaneous tissue, platysma muscle most likely damaged on the left, but no penetration throughout detected. No haematoma and vascular lacerations detected"*. Tkompli tgħid li n-natura tal-ġrieħi kienu meqjusa bħala gravi. Filwaqt li ikkonfermat iċ-ċertifikat rilaxxat minnha, stqarret li lil Lamir Mohammad dak inhar biss ratu. Mistoqsija mill-*parte civile* ma xiex hija kompatibbli dik il-ferita, tgħid li hija gravi, pero' diffiċli tgħid minn liema strument ġie kkaġunata.

**<u>It-Tabib Dottor Raphael Gatt</u>** (fol. 95 *et seq*) li huwa stazzjonat fl-*ENT Ward* ġewwa l-isptar Mater Dei, xehed li l-parte civile kien daħal l-Isptar fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u

[2] a folio 77 sa 92

għoxrin (2021) u ġie rilaxxat mill-*ENT Ward,* fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) f'kundizzjoni stabbli. Jistqarr li lill-parte civile *qua* pazjent huwa kien ħariġlu d-*discharge letter* ukoll. Jikkonferma li d-dokument 'SA4' huwa sommarju li għamel hu personalment wara li l-pazjent ikun intbagħat id-dar u li jkun redatt min-noti tal-pazjent li jkunu ttieħdu waqt li l-pazjent ikun l-isptar, jiġifieri minn meta ddaħħal l-emergenza sa meta jkun ġie rilaxxat.

**<u>Il-Kuntistabbli PC 1274 Juan Hili</u>** (fol. 102 *et seq*) xehed li nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) il-Pulizija kienu ġew infurmati mill-Isptar Mater Dei li kien hemm ċertu Mohammad Lamir li kien għadu kemm qala' daqqa ta' sikkina f'għonqu. Jistqarr li flimkien mas-surġent PS 1300 marru l-isptar, u filwaqt li s-surġent baqa' l-isptar jieħu l-verżjoni tal-vittma, hu baqa' sejjer fi Triq il-Kappar, wara li għaddielhom informazzjoni l-parte civile stess. Jistqarr li l-parte civile kien qalilhom li huwa kien mar f'dan l-imsemmi garaxx fi Triq il-Kappar, il-Mosta fejn mar biex iħallas lil xi wieħed Jouma Sheik Ahmed u dan kien hemm il-ħaddiem tiegħu Simar. Simar u l-parte civile kellhom xi argument u Lamir qala' daqqa ta' sikkina f'għonqu. Wara li rrikorrew fuq il-post fi Triq il-Kappar fil-garaxx ta' dan Jouma u wara xi tentattivi biex iħabbtu ma fetaħ ħadd. Hemm hekk huma rrikorrew fir-residenza ta' Jouma li tinsab fi Triq il-Għabex, is-Swatar u hemm hekk sabu lil Jouma fejn eskortawh fl-istess garaxx tiegħu fi Triq il-Kappar, Mosta, fejn fetħilhom il-bieb, għamlu tfittxija fejn irriżulta fin-negattiv ċioe' ma sabu lil ħadd, pero' innutaw

xi qtar tad-demm mal-art. Kien mimsuħ, maħsul u f'*dustbin* minnhom sabu faxxa mimlija demm. Jgħid li wara reġgħu marru fi Triq il-Għabex, is-Swatar fejn għamlu tfittxija fil-vettura ta' Jouma ċioe' dik bin-numru ta' reġistrazzjoni ACN 426, biex forsi jsibu l-arma li ntużat, pero' tali tfittxija irriżultat fin-negattiv.

**L-Avukat Dottor Richard Sladden** (fol. 106) xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn ippreżenta r-rapport tiegħu wara li ġie maħtur fl-inkjesta fejn stqarr li kemm il-parte civile u kif ukoll Jouma Sheik Ahmed xehdu quddiemu. Ir-rapport ġie mmarkat bħala **Dokument 'RS1'[3].**

**Jouma Sheik Ahmad**, (fol. 129 *et seq*) xehed quddiem l-espert Dottor Richard Sladden. Ix-xhud beda biex qal li huwa jaħdem fil-kostruzzjoni u kien ilu Malta madwar sitta jew sebgħa snin. Lill-parte ċivile jafu għax għamillu xi xogħol fejn għalaqlu bieba tal-aluminium, u għamillu xogħol tal-aluminium bħal twieqi u bibien u gallariji f'żewġ blokok f'Birkirkara. Jgħid li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ċempel lill-parte civile fuq xi xogħol u l-parte civile qallu li kellu bżonn il-flus ħalli jixtri l-materjal u x-xhud qallu li meta jkollu l-flus iċempillu. Dak il-jum stess ġabar il-flus u għall-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (20:45hrs) ċempel lill-parte civile u avżah li kellu elfejn ewro, u l-parte civile qallu li kien il-Ħamrun u kien sejjer għalihom. Kien għalhekk li bagħtlu l-*location* tal-garaxx tiegħu li qiegħed il-Mosta u l-parte civile wasal fil-garaxx

[3] a folio 107 sa 148

tiegħu għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30 hrs). Jistqarr li miegħu fil-garaxx kien hemm ċertu Simar u Samir li huma t-tnejn sirjani. Pero' kif wasal il-parte civile telqu tlett persuni oħra li kien hemm fil-garaxx u ċioe' Hodon, Imad u Abdul, li huwa lkoll Sirjani u ħbieb tax-xhud. Madanakollu huwa biss l-imputat Simar li jaħdem miegħu fuq l-aluminium. Samir kien qed jirranġa jet-ski fl-istess garaxx.

Jouma jistqarr li hu ma kien qal lil ħadd li kien ġej il-parte civile għall-flus, ħlief lil Abdul li huwa l-kuġin tiegħu għax kien mar miegħu għall-flus mingħand klijent li għamillu x-xogħol. Ikompli jgħid li l-parte civile daħal xi għaxar metri fil-garaxx li huwa fond xi tletin metru. Il-bieb tal-garaxx kien miftuh u ra lill-parte civile li daħal sa ħdejh u hu sellimlu u laqgħu fil-garaxx tiegħu. Simar kien qieghed fuq il-mejda jaħdem l-aluminium u Samir kien fuq ġewwa tal-garaxx jaħdem fuq il-*jet-ski*. Jgħid li l-parte civile ra lil Simar u Simar staqsa lill-parte civile x'mar jagħmel hemm u l-parte civile qallu li mhux affari tiegħu x'kien qed jagħmel hemm, għax il-garaxx huwa tiegħu, u li dan id-diskors sar bil-Kurd. Ix-xhud jgħid li lil Samir qallu wkoll li ma kienx affari tiegħu għalfejn il-parte civile kien qiegħed fil-garaxx tiegħu. Dar biex jagħmel kafe' filwaqt li l-parte civile u Simar kienu 'l bogħod minn xulxin madwar żewġ metri. Samir kien warajh. Simar mar ħdejhom u rahom jiġġieldu. Jgħid li qalilhom għalfejn kien qed jiġġieldu hawn, pero' ma ra xejn f'idejn l-imputat u lanqas ra demm fuq il-parte civile. Kieku kien jaf li ser jiġġieldu ma kienx iħallihom hemm, u lanqas jaf ghalfejn iġġieldu. Jistqarr li Samir qallu li l-parte civile kellu d-demm u żamm

lill-parte civile li kien waqa' fl-art. Fil-garaxx hemm ħġieġ u diversi għodod. Jistqarr li Simar mar ġab kaxxa tal-ewwel għajnuna u kien hemm demm fil-garaxx, u fil-fatt ra li Lamir kellu d-demm ma għonqu fuq ix-xellug tiegħu u fuq ħwejġu. Fil-karozza tal-parte civile kien hemm ħabib tal-istess parte civile, pero' dan ma daħalx fil-garaxx. Jgħid li hu u Samir għamlu *sticker* fuq il-ferita' tal-parte civile u dan tal-aħħar ħareġ mill-garaxx u daħal fil-karozza tiegħu, b'dana illi l-flus ma laħaqx għaddihom lill-parte civile. Qallu biex iċempel ambulanza iżda l-parte civile qallu biex iħallih. Ix-xhud ikompli jgħid li l-parte civile qallu li kien ser ikeċċi lil Simar minn Malta. Jistqarr ukoll li dak il-ħin huwa ċempel lil Abdul li huwa l-partner fix-xogħol tal-parte civile, filwaqt li Simar għalaq il-garaxx għax għandu ċavetta tal-garaxx.

Ix-xhud flimkien ma' Samir marru l-għassa tal-Mosta ifittxu lill-parte civile u ma rawhx. Lanqas rawh fil-poliklinka tal-Mosta. Għahekk imbagħad marru l-isptar Mater Dei. Itenni li għadu ma jafx għaliex il-parte civile u Simar iġġieldu. Jistqarr li la ra lill-parte civile jagħti xi daqqa lil Simar u lanqas viċe-versa. Jgħid li kif tidħol fil-garaxx mal-ġenb hemm diversi aluminium u ċioe' twieqi u bibien u gallarijiet. Fuq in-naħa ta' ġewwa hemm ħġieġ u biċċiet tal-aluminium u kaxex u *chaser*, mentri fin-nofs hemm medja kbira u *jet-ski* fuq wara u fin-nofs mal-ġemb tal-lemin hemm fejn jagħmlu l-kafe'. Il-parte civile baqa' dejjem fl-istess post, pero' mal-art fejn iġġieldu ma kien hemm xejn u lanqas ra lill-parte civile jolqot xi aluminium. Jikkonferma li Simar

kien ilu erba′ xhur jaħdem miegħu pero′ kien bla ktieb tax-xogħol. Jaf ukoll li l-parte civile kien nisrani.

**Samir Bilona**, (fol. 139 *et seq*) xehed ukoll quddiem l-espert Dottor Richard Sladden. Hu beda biex qal li lill-parte civile jafu biss minn wiċċu. Lil Jouma jafu għax hu ħabib tiegħu u lil Simar jafu wkoll pero′ mhux ħafna. Jgħid li fis-sitta u għoxrin (26) ta′ Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kien fil-garaxx ta′ Jouma fil-Mosta u għall-ħabta ta′ bejn id-disgħa u nofs ta′ filgħaxija (21:30 hrs) jew l-għaxra ta′ filgħaxija (22:00 hrs) kien hemm preżenti wkoll Jouma u Simar, filwaqt li qabel kien hemm Hodon u Ahmad li kien telqu qabel wasal il-parte civile fil-garaxx. Jistqarr li l-parte civile wasal fil-garaxx f′xi disgħa u nofs ta′ filgħaxija (21:30 hrs) u huwa kien fuq in-naħa ta′ ġewwa jsewwi l-*jet-ski* ta′ Jouma. Hu ma kienx jaf li kien ġej il-parte civile fil-garaxx ta′ Jouma u lanqas sema′ lil Simar jgħid xejn fuq il-parte civile qabel dan wasal. Jgħid li lill-parte civile ma rahx dieħel fil-garaxx pero′ f′daqqa waħda ra lill-parte civile mal-art u mar jiġbru mill-art. Ftit qabel ra lill-parte civile mal-art, kien semgħa lil Samir u lill-parte civile jgħajjtu ma′ xulxin, pero′ ma jafx xi bdew jgħidu għax kienu jitkellmu bil-Kurd. Ix-xhud jgħid li ra lill-parte civile kellu d-demm f′għonqu u Jouma beda jistaqsi lil Simar għaliex bdew jiġġieldu. Jistqarr li ma jafx kif il-parte civile kellu d-demm u lanqas ma ra xejn f′idejn l-imputat. Jaf li Lamir kellu ferita fuq għonqu fuq ix-xellug tiegħu. Jgħid li kien offra lill-parte civile biex jieħdu l-isptar iżda dan ma riedx. Skont ix-xhud il-parte civile telaq bil-karozza tiegħu u kien hemm persuna oħra fil-karozza li ma jafx min hu. Jouma mbagħad għalaq il-garaxx u

marru l-isptar flimkien biex jaraw kif baqa' l-parte civile. Jikkonferma li Simar jaħdem ma' Jouma. Itenni li fejn waqa' il-parte civile kien hemm medja pero' din kienet xi żewġ metri 'l bogħod u lanqas kien hemm xejn mal-art.

**<u>Is-Surġent PS 122 Arthur Borg</u>** (fol. 155) stazzjonat il-*Forensic Science Laboratory,* xehed li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) ġie maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jagħmel xogħol ta' fotografija ġewwa l-fond garaxx mingħajr numru ġo Triq il-Kappar, Mosta. Huwa ħa numru ta' ritratti jifformaw parti mir-rapport redatt minnu u li ġie esebit u immarkat bħala **Dokument 'AB1'.**[4]

**<u>Is-Surġent PS 385 Emanuel Dalli</u>** (fol. 172) stazzjonat il-*Forensic Science Laboratory* xehed li fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) kien ġie maħtur bħala *scene of crime officer* mill-Magistrat Inkwirenti dwar feriment li kien seħħ ġewwa garaxx bla isem u bla numru ġewwa Triq il-Kappar, Mosta. Dak inhar kien aċċeda fuq il-post fejn kemm ġewwa l-fond u kif ukoll barra. Huwa kien innota tiċpis u qtar ta' lewn ħamrani li ġie suspettat bħala demm. Min-naħa tiegħu kien eleva diversi kampjuni, li ġew mgħoddija lil Dottor Marisa Cassar. Ir-relazzjoni ġie esebita bħala **Dokument 'ED1'.**[5]

[4] a folio 156 sa 171
[5] a folio 173 sa 178

**L-iSpettur Stacy Attard** (fol. 179 *et seq*) xehdet li nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (22:00 hrs) ġie informata mis-surġent PS 1300 stazzjonat l-għassa tal-Mosta, li ftit tal-ħin qabel kien ġie infurmat mill-pulizija stazzjonat l-Isptar Mater Dei li kien iddaħħal l-Isptar għall-kura ċertu Lamir Mohammad. Dan allegatament kien għadu kemm qala' daqqiet ta' sikkina f'għonqu. Tkompli tgħid li ġiet nfurmata ukoll li l-pulizija marru l-isptar Mater Dei fejn sabu lill-imsemmi Lamir Mohammed b'ferita kbira f'għonqu u li meta ppruvaw ikellmuh kien jinsab f'diffikulta' kbira biex ikellmuh.

L-Ispettur tistqarr li skont is-surġent, il-parte civile kien spjega li kien jaħdem fl-*aluminium* u kellu jieħu xi flus mingħand ċertu Jouma Sheik Ahmad ta' xogħol li kien għamillu f'garaxx ġewwa l-Mosta. Tistqarr li qalilha li ta' dawn il-flus li kellu jieħu hu kien ftiehem miegħu ftit tal-ħin qabel għall-ħabta tat-tmienja u nofs, id-disgħa neqsin kwart ta' filgħaxija (20:30 – 20:45 hrs). Kien ċempillu Jouma u qallu biex imur jiġbor il-flus. Mar fil-garaxx tiegħu gewwa Triq il-Kappar, Mosta fejn kif daħal fil-garaxx sab li ċertu Simar li kif rah tah daqqa ta' sikkina f'għonqu għal xejn b'xejn. Tgħid li l-parte civile qal li rnexxielu jsuq il-vettura tiegħu tal-għamla mercedes bin-numru ta' reġistrazzjoni ICD 206 għall-isptar biex jieħu l-kura. Qal ukoll lis-surġent li l-imputat ħebb għalih għal xejn b'xejn u spjega li dan għaliex huma kienu t-tnejn mis-Sirja u kien għamel xi żmien fejn hu kien bidel ir-reliġjon tiegħu minn dik Musulmana għal dik Kristjana. Il-parte civile qal li għalihom kienet qisha normalita' li meta xi ħadd ibiddel ir-reliġjon huma joqtluh

għax il-qattiel imur il-ġenna. L-ispettur tgħid li dak kollu qalulha s-surġent, għaliex il-vittma kienet irrakkontatu lis-surġent. Is-surġent infurmaha wkoll li għamlu xi ħinijiet ukoll ifittxu lill-imputat fejn anke raw fl-istess triq fejn allegatament seħħ l-inċident sinjal b'numru tal-mobile. Għalkemm il-Pulizija kienu cemplu fuq dan in-numru, ma kien irrispondiehom ħadd. Iżda imbagħad rnexxilehom iġibu kuntatt li kien hemm imwaħħal mal-garaxx tas-sid ċertu Jouma Sheik Ahmad fejn x'ħin ikkuntatjawh mar jiftaħ il-garaxx. Fi-garaxx pero' ma nstab ħadd ġewwa ħlief li kienu nnutaw xi faxex bid-dmija ġol-imsemmi garaxx, u kien għalhekk li nfurmat lill-Maġistrat tal-għassa fejn dan ordna li tinfetaħ inkjesta u ħatar wkoll esperti.

L-iSpettur tistqarr li l-għada u ċioe' nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) hija marret tkellem lill-parte ċivile gewwa l-isptar Mater Dei fejn bażikament spjegalha l-istess dettalji li kien qalilha s-surġent il-lejl ta' qabel. Tistqarr ukoll li l-parte civile taha dettalji tal-allegat aggressur, ossija l-isem sħiħ li kien Simar Halil Hannan. Minn hemm hekk hija ħarġet mandat ta' arrest, pero' wara diversi tfittxijiet li rriżultaw fin-negattiv, l-imputat ta ruħu b'idejh lill-pulizija fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn stqarr li kien qed jibża mill-pulizija, pero' kien attenda fil-presenza tal-avukat tal-fiduċja tiegħu.

**<u>It-Tabiba Dottor Marisa Cassar</u>** (fol. 183) xehdet fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn

ippreżentat rapport. Mill-analiżi li għamlet l-espert, irriżulta li t-ticpis aħmar kien demm ta' żewġt rġiel differenti.

<u>**Il-Parte Civile Lamir Mohammad**</u> (fol. 200 *et seq*) ikkonferma dak li xehed bil-ġurament fl-inkjesta, u esebixxa sett ritratti li ġew immarkati bħala **Dokument 'LMX1'.** Dawn ir-ritratti kien ħadhom huwa stess li ħadhom fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2019) għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija (22:00 hrs) waħda mill-karozza u l-oħrajn waqt li kien l-Isptar.

Fix-xhieda li kien quddiem l-espert legali Dottor Richard Sladden il-parte civile kien stqarr li huwa refugjat u kien ilu Malta tlett snin, u kif ukoll miżżewweġ li ċerta Elena Holovina u għandhom tifel. Jgħid li meta ġie Malta, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017) beda jaħdem ma' Joseph Pace li jagħmel l-aluminium, pero' wara xi sena u nofs fetaħ għal rasu u beda jaħdem l-aluminium ġewwa garaxx li jinsab f'tal-Ħandaq u li wara x-xogħol kien dejjem imur id-dar. Ċertu Simar kien jaħdem miegħu jumejn biss, pero' rah li ma tantx ried jaħdem u kien tah l-paga u rringrazzjah. Jaf li darba Simar kien staqsih għaliex għandu salib fil-garaxx meta skont hu kien musulman u l-parte civile wieġbu li huwa nisrani u l-imputat ma qallu xejn. Minn wara dan il-kliem Simar ma baqax jaħdem miegħu, pero' ma spiċċawx bil-glied. Jistqarr li kien musulman u għal musulmani ħażin ħafna li musulman jaqleb u jsir nisrani. Jiftakar li darba kien mar flimkien ma' martu jara lil Simar jilgħab il-*boxing* ġewwa Għawdex, pero' Simar ma kellmux u ħaseb li għamel hekk għax kien imħabbat.

Din il-logħba *boxing* saret madwar sena qabel u minn dakinhar ma kienx reġa rah.

Imbagħad fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), ċempillu ċertu Jouma li kien għamillu xi xogħol tal-aluminium u staqsih fejn qiegħed u qallu li kien il-Ħamrun faċċata tal-għassa tal-Pulizija. Dan kien madwar id-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30 hrs). Ikompli jgħid li Jouma staqsih fejn ser jiltaqgħu ħalli jħallsu u qallu biex jiltaqgħu l-Mosta fejn kien hu u kien ser jibgħatlu l-*location*,. Hekk kif Jouma bagħtlu, huwa mar il-Mosta. Jistqarr li ltaqa' miegħu fil-garaxx ta' Jouma fi Triq il-Kappar, Mosta, u miegħu kien hemm ħabib tiegħu li jismu Hicham Mohammed ta' nazzjonalita' Egizzjana u joqgħod Ħal Qormi, li ilu jafu sitt xhur. Jgħid li Hicham baqa' fil-karozza tal-parte civile tal-għamla Mercedes 220 u ma daħalx miegħu fil-garaxx, filwaqt li ma' Jouma, fil-garaxx kien hemm ħabib tiegħu li ma jafux, u li dan kien fuq il-mejda fuq ġewwa tal-garaxx. Jistqarr li Jouma sellimlu u kien ser jagħtih elfejn ewro, pero' f'daqqa waħda ra lil Simar fuq in-naħa tax-xellug tiegħu u l-istess Simar ta daqqa ta' mazza tal-plastik u daqqa ta' ponn fuq ix-xoffa tal-parte civile.

Il-parte civile jistqarr li ra dalma u ħass rasu ddur, imbagħad Simar tah daqqa ta' sikkina fuq in-naħa tax-xellug ta' għonqu u li s-sikkina kienet twila xi tletin ċentimetru. Jistqarr li beda ħiereġ id-demm u jtenni li huwa ċert li kien Simar li tah d-daqqa ta' sikkina, u li dan kien liebes flokk oranġjo. Meta tah id-daqqa ta' mazza, id-daqqa ta' ponn u d-

daqqa ta' sikkina, Simar ma tkellimx, mentri l-parte civile nizel mal-art u ma kellux saħħa jqum. Ikompli jgħid li Jouma qallu li kien ser iċempel l-ambulanza u ħabib ta' Jouma mar ħdejh u qallu *'x'għamel Simar'*, filwaqt li hu saq bil-karozza tiegħu stess sal-isptar. Skont il-parte civile Simar jaħdem partner ma' Jouma u jaħdem l-aluminium. Il-ħabib ta' Jouma ma jafx x'jismu iżda huwa Sirjan u ħabib ta' Simar għax ra ritratt fuq *Instagram* fejn jidhru flimkien. Jistqarr li operawh l-isptar u imbagħad wara xi jiem ħareġ mill-isptar. Il-parte civile jgħid li huwa kien jibża joħroġ u kien jibża għall-familtu. Il-ftehim ma Jouma kien għal xogħol li jammonta għal xi ħamsa u tletin elf ewro, u din kien l-ewwel darba li mar fil-garaxx ta' Jouma, u s'issa Jouma kien ħallsu sitta u għoxrin elf ewro u kien jonqsu seba' t'elef ewro, pero' jgħid ukoll li x-xogħol kważi lest kollu.

Spjega wkoll li l-unika ħaġa għalfejn Simar seta' għamel hekk fuqu kien minħabba li sar nisrani. Jouma offrielu li jċempel għall-ambulanza.

<u>**In kontro-eżami**</u>, Lamir ikkonferma li huwa ħa l-ġurament fuq il-Koran.

li ġie mmarkat bħala **Dokument 'MC1'** u esebit li ġie mmarkat bħala **Dokument 'MC2'**.

**L-imputat Simar Halil Hannan** (fol. 9 *et seq*) fl-ewwel stqarrija[6] li rrilaxxa fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fil-preżenta tal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, ikkonferma li huwa jaħdem fix-xogħol tal-*aluminium*, u kien ilu Malta tlett (3) snin u ħames (5) xhur, pero' jgħix waħdu peress li m'għandux membri tal-familja ġewwa Malta. Jistqarr li lill-parte civile sar jafu peress li meta ġie Malta fis-sena elfejn u sbatax (2017) sħabu kienu qalulu bih għaliex la kellu xogħol u lanqas fejn joqgħo u wara li kellmu, nibtet ħbiberija. L-imputat jgħid li kien iltaqa' mal-parte civile fid-dar tiegħu, kielu u tkellmu dwar xogħol, għaliex l-imputat kien talbu li jsibu post tax-xogħol fejn kien jaħdem il-parte civile, u biex anke jirrisjedu flimkien. Jgħid li għamel tlett snin jgħinu u l-parte civile kien imur jagħtih is-sapport meta jkollu xi logħba *boxing* u dan baqa' sa Lulju tas-sena tas-sena elfejn u għoxrin (2020). L-imputat kien jaħdem mal-kumpanija *Alu Trust* u kif ukoll jgħin lill-parte civile. Jistqarr li lill-parte civile kien qallu li kien sejjer il-Bulgarija u meta jirritorna lura jiftaħ kumpanija għal rasu, u qallu wkoll li lill-imgħallem tiegħu ma kienx qallu b'dan. Jgħid li kien irritorna lura Malta mill-Bulgarija, mar biex jinforma lill-imgħallem bil-pjanijiet tiegħu, pero' l-imgħallem qallu li kien diga jaf kollox peress li kien avżah il-parte civile. L-imputat jgħid li lill-parte civile qatt ma kellmu.

L-imputat jgħid li mbagħad kien waqqaf *partnership* ma' certu Jouma, pero' sema mingħand ċertu Bekri Sheikh Ahmad li jiġi ħu Jouma, li jekk ix-xogħol tiegħu ma kienx ser ikun ta' kwalita' tajba kienu ser

[6] Dokument 'SA5'

ikkeċċuh u l-parte civile kien ser jixtri l-garaxx. Dan kollu ġara madwar xahrejn qabel, u skont l-imputat kien kiteb lill-parte civile fuq *whatsapp* u qallu biex jieqaf jagħmillu isem ħażin, u blukkah minn fuq *whatsapp* u li skont l-imputat, il-parte civile prova jċempillu, pero' huwa ma weġbux. Jistqarr li huwa kien tkeċċa mill-kumpanija fejn kien jaħdem qabel u ċioe' *Horven Ltd* minħabba l-parte civile, għax waqt li kien qed jaħdem weġġa idu u kienu saru jafu li kien qed jgħin lill-parte civile.

Mistoqsi x'ġara fil-jum tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat jistqarr li kien qed jaħdem fil-garaxx ta' Jouma ġewwa l-Mosta li fih tul ta' madwar tletin metru (30m) u dak inhar beda xogħol fit-tmienja ta' filgħodu (08:00 a..m.). Fuq il-post kien hemm Jouma, Hasan Ahmeirun magħruf bħala Samir Hasan Ahmeirun, Emad El Ahmad, Qhar u Abdulla Sheikh Ahmad. Wara li kienu telqu ħafna minnhom, fil-garaxx kien għad fadal, l-imputat, Hasan u Jouma. L-imputat kien qed jaħdem fuq mejda li kienet tinsab fit-tarf tal-garaxx u f'ħin minnhom ra lill-parte civile Lamir Mohammad dieħel mill-bieb għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (08:30 a.m.). L-imputat jistqarr li f'Lulju huwa kien qal lill-imgħallem tiegħu li għall-ebda raġuni ma ried jaħdem mal-parte civile, pero' ma kien qallu xejn għaliex u x'kien ġara. Ikompli jistqarr li ra lill-parte civile dieħel fil-garaxx u ħa b'idejn Jouma u b'idejn Samir quddiemu, imma lilu ma ħadlux b'idejh, avolja waqt li kien dieħel rah, għax ħarsu lejn xulxin. L-imputat ma qal xejn u l-parte civile mexa lura madwar tlett metri jew anqas lejn il-bieb. Il-parte civile kellu

dahru lejn l-imputat u waqt li kien lura, l-imputat għamel mossa b'idejh lil Jouma biex ikeċċih 'il barra mill-garaxx, u kulħadd kien rah jagħmel il-mossa b'idejh, inkluż il-parte ċivile inniffsu. Imbagħad Jouma mar biex jagħmillu kafe' u skont l-imputat il-parte ċivile Lamir bil-lingwa tal-Kurdi qallu *"it's not your fucking place"* u l-imputat wieġbu *"it is my garage"* u dak il-ħin il-parte civile beda miexi lejn l-imputat waqt li dan tal-aħħar kien għadu fuq l-istess mejda. Imbagħad il-parti ċivile mar għalih u prova jagħtih daqqa ta' ponn, u l-imputat prova jevita d-daqqa u min-naħa tiegħu tah daqqa f'ħalqu. Il-parte civile kien mimdud mal-art u Jouma prova jwaqqaf lill-imputat u ċioe' Jouma mar f'nofshom biex jipprova jwaqqafhom milli jiġġieldu u Jouma żammu sabiex ma jkomplux jiġġieldu. L-imputat jistqarr li ra d-demm ħiereg u Jouma ħallih u l-imputat mar jaħti l-*first aid kit* lill-parte civile, u dan tal-aħħar beda jgħajjat magħhom u jgħidilhom *"fuck off, let me and I will show you"* bil-lingwa tal-Kurdi u bl-għarbi. L-imputat jistqarr li fejn kien qed jaħdem hemm biċċiet tal-aluminium li wħud minnhom fihom żewġ metri (2m) imma hemm diversi qisien. Kien hemm żewġ karretti mimlija aluminium li kien diga maqtugħa u lesti biex jitwaħħlu, u l-imputat jgħid li huwa ra lill-parte civile jaqa' fuq il-karretti.

L-imputat jikkonferma li l-ewwel tah daqqa' ta' ponn, pero' x'ħin ra d-demm prova jagħtih l-għajnuna. Imbagħad il-parte civile qam u beda jgħid *"let me and I will show you"*. Samir u Jouma qalulu biex jeħduh l-isptar iżda hu baqa' jirrepeti l-istess kliem, pero' mbagħad qam u mar jiġri lejn il-bieb u beda juża l-mobile. Sadanittant Samir u Jouma bdew

jippruvaw jikkalmawh u jġibulu ambulanza u qalulu biex jeħduh l-isptar, imma hu rrifjuta. Il-parte ċivile mar fil-karozza tiegħu u telaq filwaqt li l-imputat baqa' fil-garaxx. Imbagħad Jouma qallu biex imur id-dar u sabiex jitfi waħda mis-*sim cards* peress li kienet tal-kumpanija. L-imputat jiċħad li lill-parte civile tah daqqa ta' martell, għalkemm jgħid li fil-garaxx jaf li kien hemm martell abjad tal-lasktu. Jikkonferma li kull ma għamel kien li tah daqqa ta' ponn fuq ħalqu. Ikompli jgħid li ma kienx jaf li l-parte civile kien ġej fil-garaxx ta' Jouma, għalkemm ħafna mill-klijenti tal-parte civile kienu bdew imorru direttament għandu. Jistqarr li mhux minnu li tah daqqa ta' sikkina u lanqas jista' jispjega l-fatt li l-parte civile kellu qata' f'għonqu. Itenni li mhux vera li kellu l-intenzjoni li joqtlu u li tah daqqa ta' martell u laqtu bis-sikkina. L-imputat jistqarr li filwaqt li qabel kienu ħbieb, issa m'għandhom peress li skontu, l-parte civile prova jitfgħu l-ħabs għaliex ivvinta din l-istorja quddiem żewġ xhieda, tant li issa spiċċa taħt arrest. Jgħid li fil-garaxx m'hemmx skieken tal-kċina, iżda skieken li jużaw biex jinqata' l-lasktu, pero' ma laqtux bis-sikkina.

**<u>L-imputat Simar Halil Hannan</u>** ma xehedx f'dawn il-proceduri. Pero kien irrilaxxa żewġ stqarrijiet lill-Pulizija. Fl-ewwel stqarrija[7] li rrilaxxa fl-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fil-preżenta tal-Avukat tal-fiduċja tiegħu, ikkonferma li huwa jaħdem fix-xogħol tal-*aluminium*, u kien ilu Malta tlett (3) snin u ħames (5) xhur, pero' jgħix waħdu peress li m'għandux membri tal-familja ġewwa Malta. Stqarr li lill-parte civile sar jafu peress li meta ġie Malta

[7] Dokument 'SA5'

fis-sena elfejn u sbatax (2017) sħabu kienu qalulu bih għaliex la kellu xogħol u lanqas fejn joqgħoq u wara li kellmu nibtet ħbiberija bejniethom. L-imputat jgħid li kien iltaqa' mal-parte civile fid-dar tiegħu, kielu u tkellmu dwar xogħol, għaliex l-imputat kien talbu li jsiblu post tax-xogħol fejn kien jaħdem il-parte civile, u biex anke jirrisjedu flimkien. Jgħid li għamel tlett snin jgħinu u l-parte civile kien imur jagħtih is-sapport meta jkollu xi logħba *boxing* u dan baqa' sa Lulju tas-sena tas-sena elfejn u għoxrin (2020). L-imputat kien jaħdem mal-kumpanija *Alu Trust* u kif ukoll kien jgħin lill-parte civile. Jistqarr li lill-parte civile kien qallu li kien sejjer il-Bulgarija u meta jirritorna lura kien se jiftaħ kumpanija għal rasu. Kien qallu wkoll li lill-imgħallem tiegħu ma kienx qallu b'dan. Jgħid li kien irritorna lura Malta mill-Bulgarija, mar biex jinforma lill-imgħallem bil-pjanijiet tiegħu, pero' l-imgħallem qallu li kien diga jaf kollox peress li kien avżah il-parte civile. L-imputat jgħid li lill-parte civile qatt ma kellmu.

L-imputat jgħid li mbagħad kien waqqaf *partnership* ma' certu Jouma, pero' sema mingħand ċertu Bekri Sheikh Ahmad li jiġi ħu Jouma, li jekk ix-xogħol tiegħu ma kienx ser ikun ta' kwalita' tajba kienu ser ikkeċċuh u l-parte civile kien ser jixtri l-garaxx. Dan kollu ġara madwar xahrejn qabel, u skont l-imputat kien kiteb lill-parte civile fuq *whatsapp* u qallu biex jieqaf jagħmillu isem ħażin, u imblukkah minn fuq *whatsapp.* Skont l-imputat, il-parte civile prova jċempillu, pero' huwa ma weġbux. Jistqarr li huwa kien tkeċċa mill-kumpanija fejn kien jaħdem qabel u ċioe' *Horven Ltd* minħabba l-parte civile, għax

waqt li kien qed jaħdem weġġa' idu u kienu saru jafu li kien qed jgħin lill-parte civile.

Mistoqsi x'ġara fil-jum tas-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), l-imputat jistqarr li kien qed jaħdem fil-garaxx ta' Jouma ġewwa l-Mosta li fih tul ta' madwar tletin metru (30m) u dak inhar beda xogħol fit-tmienja ta' filgħodu (08:00 a..m.). Fuq il-post kien hemm Jouma, Hasan Ahmeirun magħruf bħala Samir Hasan Ahmeirun, Emad El Ahmad, Qhar u Abdulla Sheikh Ahmad. Wara li kienu telqu ħafna minnhom, fil-garaxx kien għad fadal, l-imputat, Hasan u Jouma. L-imputat kien qed jaħdem fuq mejda li kienet tinsab fit-tarf tal-garaxx u f'ħin minnhom ra lill-parte civile Lamir Mohammad dieħel mill-bieb għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija (08:30 p.m.). L-imputat jistqarr li f'Lulju huwa kien qal lill-imgħallem tiegħu li għall-ebda raġuni ma ried jaħdem mal-parte civile, pero' ma kien qallu xejn għaliex u x'kien ġara. Ikompli jistqarr li ra lill-parte civile dieħel fil-garaxx u ħa b'idejn Jouma u b'idejn Samir quddiemu, imma lilu ma ħadlux b'idejh, avolja waqt li kien dieħel rah, għax ħarsu lejn xulxin. L-imputat ma qal xejn u l-parte civile mexa lura madwar tlett metri jew anqas lejn il-bieb. Il-parte civile kellu dahru lejn l-imputat u waqt li kien lura, l-imputat għamel mossa b'idejh lil Jouma biex ikeċċih 'il barra mill-garaxx, u kulħadd kien rah jagħmel il-mossa b'idejh, inkluż il-parte ċivile inniffsu. Imbagħad Jouma mar biex jagħmillu kafe' u skont l-imputat il-parte ċivile Lamir bil-lingwa tal-Kurdi qallu *"it's not your fucking place"* u l-imputat wieġbu *"it is my garage"* u dak il-ħin il-parte civile beda miexi lejn l-

imputat waqt li dan tal-aħħar kien għadu fuq l-istess mejda. Imbagħad il-parti ċivile mar għalih u prova jagħtih daqqa ta' ponn, u l-imputat prova jevita d-daqqa u min-naħa tiegħu tah daqqa f'ħalqu. Il-parte civile kien mimdud mal-art u Jouma prova jwaqqaf lill-imputat u ċioe' Jouma mar f'nofshom biex jipprova jwaqqafhom milli jiġġieldu u Jouma żammu sabiex ma jkomplux jiġġieldu. L-imputat jistqarr li ra d-demm ħiereg u Jouma ħallieh u l-imputat mar jagħti l-*first aid kit* lill-parte civile, u dan tal-aħħar beda jgħajjat magħhom u jgħidilhom *"fuck off, let me and I will show you"* bil-lingwa tal-Kurdi u bl-għarbi. L-imputat jistqarr li fejn kien qed jaħdem kien hemm biċċiet tal-aluminium li wħud minnhom kien fihom żewġ metri (2m). Kien hemm żewġ karretti mimlija aluminium li kien diġa maqtugħ u lest biex jitwaħħal. L-imputat jgħid li huwa ra lill-parte civile jaqa' fuq il-karretti.

L-imputat jikkonferma li l-ewwel tah daqqa' ta' ponn, pero' x'ħin ra d-demm prova jagħtih l-għajnuna. Imbagħad il-parte civile qam u beda jgħid *"let me and I will show you"*. Samir u Jouma qalulu biex jeħduh l-isptar iżda hu baqa' jirrepeti l-istess kliem, pero' mbagħad qam u mar jiġri lejn il-bieb u beda juża l-mobile. Sadanittant Samir u Jouma bdew jippruvaw jikkalmawh u jġibulu ambulanza u qalulu biex jeħduh l-isptar, imma hu rrifjuta. Il-parte ċivile mar fil-karozza tiegħu u telaq filwaqt li l-imputat baqa' fil-garaxx. Imbagħad Jouma qallu biex imur id-dar u sabiex jitfi waħda mis-*sim cards* peress li kienet tal-kumpanija. L-imputat jiċħad li lill-parte civile tah daqqa ta' martell, għalkemm jgħid li fil-garaxx jaf li kien hemm martell abjad tal-lasktu.

Jikkonferma li kull ma għamel kien li tah daqqa ta' ponn fuq ħalqu. Ikompli jgħid li ma kienx jaf li l-parte civile kien ġej fil-garaxx ta' Jouma, għalkemm ħafna mill-klijenti tal-parte civile kienu bdew imorru direttament għandu. Jistqarr li mhux minnu li tah daqqa ta' sikkina u lanqas jista' jispjega l-fatt li l-parte civile kellu qata' f'għonqu. Itenni li mhux vera li kellu l-intenzjoni li joqtlu u li tah daqqa ta' martell u laqtu bis-sikkina. L-imputat jistqarr li filwaqt li qabel kienu ħbieb, issa ma kinux għadhom peress li skontu, l-parte civile prova jitfgħu l-ħabs għaliex ivvinta din l-istorja quddiem żewġ xhieda, tant li issa spiċċa taħt arrest. Jgħid li fil-garaxx m'hemmx skieken tal-kċina, iżda skieken li jużaw biex jinqata' l-lasktu, pero' ma laqtux bis-sikkina.

Fit-tieni stqarrija[8] li rrilaxxa fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) l-imputat ikkonferma dak kollu li qal fl-ewwel stqarrija li rrilaxxa fil-jum ta' qabel. Jikkonferma li fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021), lill-parte civile tah daqqa ta' ponn, pero' jiċħad li tah daqqa ta' martell tal-lasktu. Jistqarr li lill-parte civile mhux vera tah daqqa ta' sikkina, u li din hija gibda tal-parte civile. Jgħid li fejn kien il-parte civile, fl-art kien hemm l-aluminium, u li dak li qal Jouma li ma kienx hemm karretti bl-aluminium qrib il-parte civile, m'huwiex minnu.

- **<u>Fatti tal-Każ</u>**

[8] Dokument 'SA6'

Il-każ odjern jikkoncerna ġlieda li seħħet bejn il-parte civile u l-imputat. L-imputat kien qed jaħdem fil-garaxx ta' certu wieħed Jouma. Lamir mar biex jiġbor xi flus li kienu dovuti lilu mill-garaxx ta' Jouma. Waqt li kien f'dan il-garaxx, żviluppat ġlieda bejn Lamir u l-imputat. Lamir jsostni li din il-ġlieda inbdiet għalxejn b'xejn u iddikjara li x'aktarx l-motiv tal-ġlieda kien minħabba li hu ma baqax aktar Musulma u ikkonverta għall-kristjaneżimu. Min-naħa l-oħra l-imputat fl-istqarrija li huwa ta' lill-Pulizija stqarr li kien Lamir li mexa fid-direzzjoni tiegħu, ipprova jagħtih daqqa ta' ponn. Hu evitaha u ta lill-parte civile daqqa f'ħalqu. L-imputat caħad li huwa għamel użu minn xi martell tal-lastku jew inkella xi sikkina. Fuq għonq il-vittma pero kien hemm qata' li t-tobba jindika li saret bi strument li jaqta' u bil-ponta.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Ġenerali</u>**

Din il-Qorti hija għalhekk għandha quddiemha żewġ verzjonijiet dijametrikament opposti rigward dak li seħħ. Il-fatt li Qorti tkun rinfaccjata b'verzjonijiet konflingenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker"***, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji

gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara***" jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaccetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "***Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef***" mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino -*** *19 ta' Ottubru 2006)."*[9]

[9] Ara wkoll ***Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et*** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), ***Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech*** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), ***Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali*** (deciza fl-24 ta'

Għalhekk l-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għal dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mid-deposizzjoni tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

Jannar 2013), ***Il-Pulizija vs. Mario Pace*** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u ***Il-Pulizija vs. Hubert Gatt*** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); ***Il-Pulizija vs Raymond Cassar*** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta – jekk ikun hemm; kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, "sure" bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż[10], li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

[10] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridika Maltija sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

Fil-każ Ingliż '***R vs Majid***' [2009, EWCA Crim 2563, CA at 2], **Lord Moses** stqarr hekk[11]:

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty."*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom '**The Modern Law on Evidence'**[12], **Adrian Keane u Paul McKeown** jgħidu s-segwenti: -

> *"In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty."*

[11] *Ibid.*

[12] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed issewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.

Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosserva dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule,* l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***"Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri"*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

*"Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata. L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi. Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jaghmel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha."*[13]

[13] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella

In oltre u aktar reċentement fis-sentenza "***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer***", il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi:

> *"Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."*[14]

Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarja, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

[14] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

Kif diġa' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni jkun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Biex tkun tista' tinstab ħtija fl-imputat, jeħtieġ li l-imputazzjoni dedotta tiġi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs. Philip Zammit et"*** fejn inghad li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex limputat jigi ddikjarat mhux hati, izda hemm bzonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet ***"Il-Pulizija vs. Peter Ebejer"***, il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***"Miller vs. Minister of Pension"*** - 1974 - 2 ALL ER 372 fejn inghad illi:

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*

- **Kunsiderazzjoni Legali dwar l-Imputazzjonijiet dedotti u l-applikazzjoni tagħhom għall-fatti in kawża**

Il-Qorti se tanalizza fid-dettal dwar l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati qabel issib htija jew le.

- **L-Ewwel Imputazzjoni (Artikoli 214, 215, 216, 217, 218(1)(b) tal-Kap. 9)**

L-**Artikolu 214** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

*"Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna."*

L-**Artikolu 216** imbagħad jgħaddi biex jiddefinixxi x'inhu rikjest biex offiża fuq il-persuna tiġi klassifikata bħal gravi:

*(1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin:*

*(a) jekk tista' ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għaltletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;(e) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġiegħelha teħles qabel iż-żmien*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-*

*każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

Il-piena għall-offiża gravi fuq il-persuna hekk kif stabbilita fl-artikolu 216, tiżdied jekk din tiġi magħmula b'arma regulari, inkella bi strumentli jaqta' jew iniggeż, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodijew jaħraq jew li hu korrożiv (Artikolu 217) u jekk din iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż. (Artikolu 218(1)(b).

Fir-rigward tal-element formali tal-offiżi kontemplati mill-artikolu 216, 217 u 218 tal-Kapitolu 9, jispjega l-**Profs Anthony J Mamo**:

*"To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. [...]*

*Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu".*[15]

[15] Profs A.J. Mamo, Lectures in Criminal Law, Vol. II pg 225, Published by the Law Students Society.

Fil-kawza fl-ismijiet "***Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci***" inghad illi:-

*'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja."*[16]

Biex jissussisti r-reat tal-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li:

*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghallkonsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*[17]

---

[16] Deċiża fit-8 ta' Lulju 2004 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mill-Imħallfin De Gaetano Vincent, Filletti Joseph A., Scicluna David.

[17] Ref ***Pulizija vs Emanuel Zammit*** Appell Kriminali deciz 30.03.1998.

Il-**Professur Anthony J Mamo** jghid:

*"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo.*[18]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza ***"Repubblika vs Domenic Briffa"*** [Deciza fis-16.10.2003] ingħad li

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi.* ***Francesco Antolisei*** *fil-ktieb tieghu* ***Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I*** *(Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la*

[18] Ref op cit pagna 227.

*giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li***

*jikkaratterizzaw **l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[19]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi lohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok.*

Skont gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin"* (ara Appell Kriminali fl-ismijiet ***"Il-Pulizija v. Paul Spagnol"***, 12 ta' Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279). Fil-fatt f'dan l-istess kawża nsibu li

*'B'mankament fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghall-kull deterjorament ta' l-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament "cioe' peggioramento d'aspetto notevole o complessivo o per l'entita' della alterazione stessa, o per l'espressione d'assieme del volto".*

*Sfregju, mill-banda l-ohra, u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fil-regolarita' tal-wicc, fl-armonija tal-lineamenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc. Skond gurisprudenza ormai pacifika, din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik "<u>li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin</u>".*

[19] Sottolinear ta' din il-Qorti

*Skolorament tal-gilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc. Is-snien mhumiex parti mill-wicc, ghalkemm it-telf ta' hafna snien jistghu jgibu kemm sfregju kif ukoll mankament minhabba leffett li jistghu ihallu fuq il-wicc u specjalment firregjun tal-halq. Pero' la t-tul ta' l-infermita' u lanqas il-permanenza o meno taghha m'huma relevanti ghall-finijiet tas-subartikolu 216 (1) (b).'*

F'deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***"Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi"*** deċiża mill-Prim Imhallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004, il-Qorti qalet hekk:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed ittabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *"**Il-Pulizija vs Francis Dingli**"*, deciza mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996 fejn gie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat iddeposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216 (1) (b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata flartikolu 218 (1) (b). **Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti.** L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216 (1) (b) sfregju anke ta' ftit granet per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u*

*jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissima, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jaghmel l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emily Zarb**".*

Din il-Qorti fliet metikolożament l-atti u fid-dawl tal-provi li inġabu hija konvinta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi u li per konsegwenza għandha tinstab ħtija fl-imputat għal din l-ewwel imputazzjoni. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni tagħha abbażi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(a) Mill-provi prodotti huwa car li l-parte civile spicca bil-ferita f'għonqu waqt li huwa kien fil-garaxx fejn kien hemm l-imputat. Sa qabel ma daħal f'dan il-garaxx, l-parte civile ma kellu l-ebda feriti fuq il-persuna tiegħu. Il-ferita kienet tikkonsisti f'qatt twila ta' seba' (7) centimentri fin-naħa tax-xellug tal-għonq tal-parte civile. Din il-ferita tirriżulta b'mod car mir-ritratti li ġew esebiti in atti mill-parte civile u anke dawk meħuda mill-espert medikolegali Dr Mario Scerri li kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta;[20]

[20] Fol. 71 – 73 tal-process u fol. 202 sa 206 tal-process.

(b) Jirriżulta wkoll li seħħet kollutazzjoni bejn l-parte civile u l-imputat waqt li dawn kienu qegħdin fil-garaxx ta' Jouma. Dan il-fatt ammettieh kemm l-imputat fl-ewwel stqarrija li huwa ta kif wkoll x-xhieda li inzertaw qegħdin hemm fil-ħin tal-incident u cioe certu wieħed Samir li kien qed jaħdem fuq jet-ski u Jouma inniffsu. Ftit wara l-kolluttazzjoni tfacca d-demm fuq il-persuna tal-parte civile. Dan id-demm instabu tracci tiegħu meta l-Pulizija daħlet fil-garaxx. It-tracci ġew konfermati li kienu demm u li jaqblu mal-profil ġenetiku ta' żewġt rġiel differenti. Dan skont anke ir-rapport redatt minn Dr Marisa Cassar. Għalkemm l-imputat jistqarr li huwa ta daqqa f'ħalq il-parte civile, ma kien hemm l-ebda leżjonijiet ora fuq ir-ras jew fuq il-wicc tal-parte civile. Li kieku verament ingħatat daqqa ta' ponn mill-imputat li kif ammess mid-difiża stess huwa boxer, żgur li din kienet se tħalli xi forma ta' marka fl-area tal-ħalq tal-parte civile. Li kieku wkoll l-parte civile waqa' fl-art bid-daqqa, x'aktarx wkoll li kien se jkollu xi tip ta' feriti oħra fl-area tar-ras. Dan pero ma rriżultax.

(c) Huwa minnu li la Jouma u lanqas Samir ma jispecifikaw kif l-parte civile spicca bil-ferita f'għonqu. Fl-istess ħin pero t-tnejn li huma iddikjaraw quddiem l-espert legali li fejn iġġieldu l-imputat u l-parte civile ma kien hemm xejn fl-art. Min-naħa tiegħu l-imputat jgħid li l-parte civile waqa' fuq l-aluminju x'ħin huwa tah id-daqqa ta' ponn. Fl-istess nifs pero meta tul l-istqarrija tiegħu l-imputat ġie mistoqsi dwar kif ġiet kaġunata l-

ferita fuq għonq il-parte civile huwa iwieġeb li *"I don't know."*[21] Dan meta aktar qabel kien għadu kif qal li l-parte civile waqa' fuq l-aluminju. Din il-Qorti issibha difficli kif tirrikoncilja d-dikjarazzjoni tal-imputat li ma jafx kif saret il-ferita fuq għonq l-parte civile u li imbagħad kif ra d-demm l-istess imputat mar iġib il-first aid kit (kif anke konfermat miż-żewġ xhieda li kienu preżenti). Ma jidhirx li f'xi ħin inqata' l-kuntatt viżiv tal-imputat u l-parte civile u għalhekk l-imputat kellu jkun jaf kif saret il-ferita. Dan kollu għalhekk jeskludi t-teżi tad-difiża li l-ferita fuq għonq il-parte civile żviluppat x'ħin bid-daqqa ta' ponn li tah l-imputat, il-parte civile waqa'fl-art u ħabat ma' folji tal-aluminju li seta kien hemm. Apparti minn hekk jiġi senjalat wkoll li meta fit-tieni stqarrija l-imputat ġie rinfaccjat bid-dikjarazzjonijiet li kienu għamlu Samir u Jouma li fil-punt tal-garaxx fejn seħħet il-ġlieda ma kien hemm l-ebda aluminju fl-art, l-imputat jagħżel li ma jweġibx;

(d) Irriżulta wkoll u dan anke mill-istqarrija tal-imputat li fil-garaxx kien hemm skieken li jintużaw għax-xogħol tal-aluminju. Il-qata' li kellu wkoll l-imputat kienet kompatibbli ma' *"strument bil-pont u li jaqta"*[22] u dan hekk kif ikkonferma l-espert tal-Qorti Dr Mario Scerri. Għalhekk fil-post fejn kien jinsab l-imputat fil-ħin tal-incident huwa kellu skieken a disposizzjoni tiegħu. Għalkemm mil-lat mediku din il-ferita eventwalment ġiet

[21] Fol. 16 tal-process.
[22] Fol. 75 tal-process.

klassifikata bħala waħda ħafifa peress li ma daħlitx fil-fond, xorta kienet sejra tħalli marka permanenti rqiqa fuq in-naħa tax-xellug tal-parte civile. Għalhekk mill-punto di vista legali, il-ferita għandha titqies li tikklassifika bħala waħda gravvissima fit-termini tal-artikou 218(1)(b) tal-Kap. 9;

(e) Bejn l-imputat u l-parte civile jidher li kienu żviluppaw xi problemi anke għaliex l-parte civile jidher li kien qal diskors dispreġjattiv fil-konfront tal-imputat fil-passat. Dan hekk kif anke iddikjarat l-istess imputat waqt l-ewwel stqarrija tiegħu. Jiġi innutat wkoll li hekk kif daħal l-parte civile fil-garaxx fejn kien jinsab Simar, Simar xejn ma ħa pjacir bil-presenza ta' Lamir u mill-ewwel kien aggressiv fil-konfront tiegħu billi għamillu sinjal biex jitlaq 'l barra. Tant li kellu jindaħal Jouma u qal lil Simar li ma kellux jindaħal għal-liema raġuni Lamir kien ġie fil-garaxx peress li l-garaxx kien propjeta ta' Jouma stess. Dan hekk kif dikjarat mill-istess imputat u anke konfermat minn Jouma stess.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-imputat jadotta żewġ linji ta' difiża. Fl-ewwel lok id-difiża tattakka l-ġurament meħud mill-parte civile. Isostni li l-parte civile l-ewwel ħa l-ġurament fuq il-kurcifiss u imbagħad meta xehed quddiem din il-Qorti ħa l-ġurament fuq il-Kuran u li dan huwa indikattiv li għall-parte civile l-ġurament ma jfisser xejn u m'għandux valur. Ibda biex din il-Qorti ma sabet l-ebda indikazzjoni jew konferma li l-ġurament quddiem il-perit legali Dr

Richard Sladden l-parte civile kien ħadu fuq is-salib. Fl-inkartament preżentat minn Dr Sladden hemm indikat biss li ġie somministrat il-ġurament. Dr Sladden ma ġiex kontro-eżaminat u fl-ebda ħin ma ħareġ li l-ġurament ingħata fuq is-salib. Għalhekk dak allegat mid-difiża huwa bażat fuq semplici assunzjoni tagħha li l-ġurament kien ingħata fuq is-salib għaliex l-parte civile iddikjara li huwa kien ikkonverta għall-kristjaneżimu. Apparti minn hekk l-iskop li wieħed jaħlef fuq is-salib jew fuq il-Kuran huwa biex fi kliem l-Professur Mamo x-xhud iħossu obbligat li sejjer jgħid il-verita. Ix-xhud seta' facilment għamel dikjarazzjoni solenni li kien sejjer jgħid il-verita u din kienet tkun valida xorta waħda u dan irrispettivament mill-fidi tiegħu. Minn eżami ta' dak li xehed l-parte civile quddiem il-Perit Legali u anke fil-verżjonijiet li l-istess parte civile ta lill-Pulizija, din il-Qorti ma ssib xejn x'jindika li l-parte civile ma kienx qed jgħid il-verita. Dak li l-parte civile ħaseb li seta' kien il-mottiv wara din l-aggressjoni ma tistax tiġi interpretata bħala li tattakka l-kredibbilita tal-verżjoni tal-istess xhud dwar dak li seħħ.

Għar-rigward id-difiża l-oħra sollevata mill-imputat u cioe dik tal-leġittima difiża, din il-Qorti lanqas tqis li hija applikabbli fic-cirkustanzi. L-imputat jistqarr li huwa ra lill-parte civile ġej fid-direzzjoni tiegħu u għalhekk seta' facilment daħal aktar 'l ġewwa fil-garaxx minn fejn kien. L-imputat ma kienx fuq in-naħa ta' ġewwa tal-garaxx iżda kien qisu fl-ewwel parti tal-garaxx. Fit-tieni lok fl-istess garaxx kien hemm wkoll żewġ persuni oħra, li l-imputat seta' talab l-għajnuna tagħhom biex iżomm l-allegata aggressjoni da parti tal-parte

civile. Dan ma għamlux. Anzi hu stess iddecieda li jaffaccja l-parte civile!! Ir-rekwiżiti li għalhekk l-perikolu kien inġust, gravi u inevitabblima jissussistux.

Din il-Qorti għalhekk tqis li ż-żewġ difiżi jfallu u per konsegwenza sejra issib ħtija fl-imputat tal-ewwel imputazzjoni. **Il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni hija waħda serja u dan sejjer jiġi rifless wkoll fil-piena li sejra tingħata. Aggressjonijiet qatt ma jistgħu jiġu ġustifikati, aktar u aktar meta fil-kors tal-aggressjoni isir użu minn strumenti bħalma seħħ f'dan il-każ. Il-Qorti tħoss li għandha toffri l-protezzjoni kollha lill-vittmi biex tibgħat messaġġ car u inekwivoku li reati ta' dan it-tip ma jistgħux jiġu puniti b'semplici *"a slap on the wrist."***

- **It-Tieni Imputazzjoni – (Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9)**

L-**Artikolu 339 (1) (d)** tal-Kapitolu 9 jistipula li:

*(1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min*

*(d) iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"*

Fil-fehma din il-Qorti, din l-imputazzjoni ma tistax tirriżulta għar-raġuni li hija kwalifikata bil-kliem *"kemm -il darba ma jkunx jaqa' taħt xi dispozzjoni oħra ta' dan il-Kodici."* La darba l-imputat qiegħed jinstab

ħati li ikkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna tal-parte civile abbażi tad-disposizzjoni relattivi dwar l-offiżi volontarji fuq il-persuna, allura l-aġir tal-imputat ma jistax wkoll fl-istess ħin jaqa' fil-parametri ta' din il-kontravvenzjoni.

- **<u>It-Tielet Imputazzjoni (Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9)</u>**

L-**Artikolu 339 (1) (e)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra li:

*(1) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min*

*(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni."*

L-istess bħat-tieni imputazzjoni, din il-kontravvenzjoni lanqas ma tirriżulta. Biex tinstab ħtija, l-inġurji u theddid ma jridux jkunu jaqgħu taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodici. F'dan il-każ l-imputat sejjer jinstab li huwa għamel inġurja jew offiża gravi fuq il-persuna u allura għandhom jiġu applikati d-disposizzjoni tal-offiżi volontarji fuq il-persuna ad esklużjoni ta' dan ir-reat kontravvenzjonali.

- **<u>Ir-Raba' Imputazzjoni (Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9)</u>**

L-Artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi li:

*"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min: …*

*(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.*

Kif ritenut mill-Qrati diversi drabi – ara, fost ohrajn, ***"Il-Pulizija v. Joseph Spiteri"***, 24 ta' Mejju 1996 u mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***"Il-Pulizija v. Paul Busuttil"*** deċiża fit-23 ta' Ġunju 1994, bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) tal-Artikolu 338 tal-Kap 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Gie ritenut ukoll li dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi nkwiet jew thassib. Din l-imputazzjoni tirriżulta ippruvata għax l-aġir tal-imputat wassal sabiex ikkawżat biża' fil-persuna tal-parte civile. Mhux talli hekk talli wkoll l-istess parte civile spicca ferut f'dan l-incident.

- **<u>Il-Ħames Imputazzjoni (Artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9)</u>**

L-**Artikolu 338(bb)** tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jistabilixxi li

*"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min: …*

*(bb) għad illi jkun xurban, igħid fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew jagħmel atti jew ġesti oxxeni,jew b'xi mod ieħor li mhux provdut f'dan il-Kodiċi,joffendi l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika."*

Din l-imputazzjoni ma tirriżultax stante li mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma irriżultax li ingħad xi kliem oxxen jew indicenti jew li inkella saru xi ġesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imġieba xierqa jew id-decenża pubblika. Ix-xhieda tal-parte civile u taż-żewġ persuni l-oħra li kienu fil-garaxx hija għal kollox sajma fuq dan l-aspett u m'hemm l-ebda riferenza lanqas minima għal xi kliem u/jew ġesti oxxeni jew indicenti li setgħu saru jew intqalu.

- **DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti:

(a) Mhux qegħda issib lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tal-ħames (5) imputazzjoni u għalhekk qegħda tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikoli 214, 215, 216, 217, 218(1)(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda issib lill-imputat ħati tal-ewwel (1) u tar-raba' (4) imputazzjoni u qegħda tikkundannah għall-piena ta' hames (5) snin u sitt xhur prigunerija.

Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Lamir Mohamed detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 187602(A), il-Qorti qegħda wkoll toħroġ Ordni ta' Trazzin kontra l-ħati għall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum skond id-digriet anness ma' din is-sentenza. Il-Qorti fehmet lill-ħati l-implikazzjonijiet tal-ordni li qegħda tingħata taħt l-artikolu 382A tal-Kap. 9.

Il-Qorti wara li rat wkoll l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex huwa jħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ammont ta' **elfejn u sebgha u hamsin ewro u erbghin centezmu (€2,057.40)** rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti[23] inkorsi f'dawn il-proceduri u fil-kors tal-atti tal-inkjesta dwar l-in genere relatata ma' dan il-kaz.

**Il-Qorti tordna komunika lill-Ministru tal-Intern u l-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni biex jezercitaw il-poter li ghandhom li anke jekk il-hati ghandu status ta' protezzjoni jibda l-process biex dan jitnehha mill-pajjiz minhabba li huwa ta' periklu ghas-socjeta'.**

| | |
|---|---|
| **Dr Joseph Mifsud** | **Ylenia Spiteri** |
| **Maġistrat** | **Deputat Registratur** |

[23] Dr. Mario Scerri - €279.70 (a fol. 77); Dr. Richard Sladden - €612.66 (a fol. 121); PS 122 Arthur Borg - €105.90 (a fol. 159); PS 385 Emanuel Dalli - €79.74 (a fol. 176); Dr. Marisa Cassar - €979.40 (a fol. 187).